MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 136/2004

**A**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami LL.D. u l-Prokoratur Legali Liliana Buhagiar bhala Kuraturi Deputati tal-assenti B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' April 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' April tas-sena elf disgha mija u tmienja w disghin (1998) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, C ta' hames (5) snin u Rueben ta' erba' (4) snin;

Illi l-hajja konjugali ma' martu giet resa mpossibbli minhabba sevizzi, ingurji, torment psikologiku kontinwu w adulterju *da parti* tal-konvenuta Bfil-konfronti tal-attur bil-konsegwenza li z-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment;

Illi l-esponenti ilu michud milli jgawdi lill-uliedu minuri u jinsab inkwetat hafna ghalihom, meta jaf li martu ghandha relazzjoni extra konjugali ma ragel iehor li jidhol id-dar taghha regolarment;

Illi kwalsiasi tentattiv ta' rikonciljazzjoni kien inutli u l-esponent spicca johrog mid-dar konjugali;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attur talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedi f'dina l-istanza kontra martu ghas-separazzjoni personali u dan skond digriet moghti fis-16 ta' Marzu 2004 li jgib in-numru 254/2004 liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok A1";

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex *in vista* tal-premess m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan minhabba sevizzi, ingurji, torment psikologiku kontinwu u adulterju *da parti* tal-konvenuta Bfil-konfronti tal-attur bil-konsegwenza li z-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment;

2. Tafda lill-attur il-kura u l-kustodja tal-minuri C u Rueben, salv l-access tal-konvenuta, taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa din il-Qorti fic-cirkostanzi;

3. Takkordalu access xieraq ghall-minuri fin-nuqqas li t-talba numru tnejn (2) ma tkunx milqugha;

4. Tiddikjara x-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akwisti;

5. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn dawk id-drittijiet kif jigi stabbilit minn din il-Qorti, skond ir-rizultanzi, u dan a tenur ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

6. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjes komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuta li minn issa stess hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attur fil-5 ta' Awissu 2004 fejn gie mitlub jelenka fil-qasir il-pretenzjonijiet tieghu, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta' nota guramentata ghandha tindika fejn ma taqbilx;

Rat id-digriet tal-affidavit moghti wkoll fil-5 ta' Awissu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur tletin (30) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit u gie nominat Dr. Kenneth Gulia LL.D. bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet datata 22 ta' Settembru 2004 a fol. 26 fejn il-kuraturi deputati eccepew;

1. Illi l-eccipjenti m'humiex *edotti* mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw id-dritt illi jjipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkunu edotti minn dawn il-fatti;

2. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 27 tal-process;

Rat in-nota guramentata tal-attur A a fol. 48;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia LL.D. fit-2 ta' Ottubru 2004, 6 ta' Dicembru 2004, 25 ta' Jannar 2005, 2 ta' Frar 2005 u 11 ta' Frar 2005 a fol. 49;

Rat il-verbal datat 15 ta' Frar 2005 fejn id-difensuri nfurmaw il-Qorti li l-affidavits gew prezentati quddiem l-Assistent Gudizzjarju u ma kienx hemm xhieda viva voce;

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju a fol. 52;

Rat in-nota tal-**attur A** datata 27 ta' Mejju 2005 li biha pprezenta l-affidavit **tieghu stess** a fol. 54 sa fol. 63;

Rat in-nota ta' l-attur li biha pprezenta l-affidavit ta' **ohtu Miriam Cauchi** a fol. 65 sa fol. 68;

Rat in-nota tal-attur datata 27 ta' Mejju, 2005;
Rat il-verbal datat 1 ta' Gunju 2005 fejn il-Qorti giet infurmata li l-kuratur ma deherx ghas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Dr. Michael Tanti Dougall iddikjara li l-missier qed jara' lit-tfal darba jew darbtejn fis-sena meta jitla' l-Ingilterra. L-attur irrimetta ruhu ghan-nota guramentata tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju, 2005;

## II KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-20 ta' April 1998 u ghandhom zewgt ulied C u D. Il-partijiet izzewgu wara li l-istess konvenuta assenti harget tqila mir-relazzjoni ta' bejniethom; il-konvenuta regghet harget tqila u ddecidew li jmorru jghixu fl-Ingilterra u fil-fatt it-tieni tifel twieled l-Ingilterra u jidher li l-partijiet isseparaw minhabba eccessi, mohqrija u adulterju *da parte* tal-konvenuta u wkoll peress li jidher car li hemm inkompatibilita' ta' karattru u ghalhekk iz-zwieg illum tkisser irremedjabilment.

Illi l-istess ulied jidher li baqghu jghixu ma' l-omm fl-Ingilterra u din il-Qorti thoss li l-istess kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun f'idejn il-konvenuta bi dritt ta' access lill-attur ghall-istess uliedu ghal tliet gimghat fil-vaganzi tas-sajf u kif wkoll fil-festi tal-Milied u ta' l-Ghid kull meta l-attur ikun l-Ingilterra u li l-istess attur ikollu access dicenti u komunikazzjoni mal-minuri b'mod ragonevoli permezz tas-servizz telefoniku.

Illi din il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna li d-divizjoni u l-assenjazzzjoni ta' l-istess issir billi kull parti tibqa' zzomm l-oggetti kollha mobbli li jinsabu fil-pussess rispettiv ta' kull parti, b'dan ghalhekk li l-istess attur qed jigi assenjat il-karozza tal-marka Hyundai Pony.

## III) <u>KONKLUZZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu huma nkompatibli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** pero' fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan minhabba eccessi, mohqrija u adulterju *da parte* tal-konvenuta u wkoll peress li jidher car li hemm inkompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet li kawza ta' l-istess iz-zwieg illum tkisser irremedjabilment

2. u 3. Tafda lill-konvenuta l-kura u l-kustodja tal-minuri C u Rueben, salv l-access favur l-attur ghall-istess uliedu ghal tliet gimghat fil-vaganzi tas-sajf u wkoll fil-festi tal-Milied u ta' l-Ghid kull meta l-attur ikun l-Ingilterra u li l-istess attur ikollu access dicenti u komunikazzjoni mal-minuri b'mod ragonevoli permezz tas-servizz telefoniku, b'dan ukoll li jibqa' riservat favur l-attur id-dritt ghall-access iktar ampju ghall-istess minuri, jekk dan ikun fl-interess ta' l-istess minuri, purche' t-talba ta' l-istess access issir quddiem il-Qorti kompetenti.

4. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partjiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna li d-divizjoni u l-assenjazzzjoni ta' l-istess issir billi kull parti tibqa' zzomm l-oggetti kollha mobbli li jinsabu fil-pussess rispettiv ta' kull parti, b'dan ghalhekk li l-istess attur qed jigi assenjat il-karozza tal-marka Hyundai Pony.

5. Tiddikjara li qed jigu applikati kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

6. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------